SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

12 ta' Novembru 2020 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2009/138/KE – Artikolu 274 – Dritt applikabbli għall-proċedura ta' stralċ ta' impriżi tal-assigurazzjoni – Irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' kumpannija tal-assigurazzjoni – Ħatra ta' stralċjarju provviżorju – Kunċett ta' 'deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni' – Assenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tiftaħ il-proċedura ta' stralċ fl-Istat Membru ta' oriġini – Sospensjoni tal-proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata fl-Istati Membri l-oħra għajr fl-Istat Membru ta' oriġini tagħha"

Fil-Kawża C-427/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Mejju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Ġunju 2019, fil-proċedura

Bulstrad Vienna Insurance Group AD

vs

Olympic Insurance Company Ltd,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, L. Bay Larsen, C. Toader, M. Safjan (Relatur) u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Bulgaru, minn T. Mitova u E. Petranova, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn H. Tserepa-Lacombe u Y. G. Marinova, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU 2009, L 335, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2014, L 219, p. 66, fil-ĠU 2016, L 262, p. 34 u fil-ĠU 2019, L 316, p. 107), kif emendata bid-Direttiva 2013/58/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 (ĠU 2013, L 341, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2009/138").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-kumpannija tal-assigurazzjoni Bulstrad Vienna Insurance Group AD (iktar 'il quddiem "Bulstrad") u l-kumpannija tal-assigurazzjoni Olympic Insurance Company Ltd (iktar 'il quddiem "Olympic"), dwar il-ħlas ta' kumpens tal-assigurazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 117 sa 119, 123, 125, 126 u 130 tad-Direttiva 2009/138 huma fformulati kif ġej:

"(117) Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-miżuri ta' rijorganizzazzjoni u l-proċeduri ta' stralċ mhix armonizzata, huwa meħtieġ li fil-qafas tas-suq intern ikun hemm rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta' rijorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-impriżi tal-assigurazzjoni, kif ukoll il-koooperazzjoni neċessarja li tqis il-bżonn għall-unità, l-universalità, il-koordinazzjoni u l-pubblikità ta' dawk il-miżuri kif ukoll t-trattament ekwivalenti u l-ħarsien tal-krediturі tal-assigurazzjoni.

(118) Għandu jiġi żgurat li l-miżuri ta' rijorganizzazzjoni adottati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għall-preservazzjoni u r-restawr tal-qagħda finanzjarja soda ta' impriża ta' l-assigurazzjoni u għall-ħarsien, kemm jista' jkun, kontra sitwazzjoni ta' stralċ, ikunu totalment effettivi [fl-Unjoni Ewropea] kollha. Madanakollu, l-effetti ta' tali miżuri ta' rijorganizzazzjoni u proċeduri ta' l-istralċ, fil-konfront ta' pajjiżi terzi m'għandhomx jiġu affetwati.

(119) Għandha ssir distinzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-miżuri ta' rijorganizzazzjoni u proċeduri tal-istralċ, u l-awtoritajiet superviżorji għall-impriżi ta' assigurazzjoni.

[…]

(123) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju biss għandu jkollhom is-setgħa li jiddeċiedi dwar proċeduri ta' stralċ li jikkonċernaw lill-impriżi tal-assigurazzjoni. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jipproduċu l-effetti tagħhom [fl-Unjoni] kollha u għandhom ikunu rrikonoxxuti mill-Istati Membri kollha. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu ppubblikati skont il-proċeduri tal-Istat Membru ta' domiċilju fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni għandha wkoll tkun disponibbli għall-krediturі magħrufa li huma residenti [fl-Unjoni], li għandu jkollhom id-dritt li jressqu klejms u jagħmlu sottomissjonijiet.

[…]

(125) Il-kondizzjonijiet kollha għall-istituzzjoni, il-prosegwiment u l-egħluq tal-proċeduri ta' stralċ għandhom ikunu rregolati bil-liġi tal-Istat Membru ta' domiċilju.

(126) Biex tkun żgurata azzjoni kkoordinata fost l-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ta' domiċilju u tal-Istati Membri l-oħra kollha, għandhom ikunu informati b'urġenza, bl-istituzzjoni tal-proċeduri ta' stralċ.

[…]

(130) Biex l-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza ta' ċerti tranżazzjonijiet jiġu mħarsa fl-Istati Membri għajr l-Istat Membru ta' domiċilju, huwa meħtieġ li tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għall-effetti ta' miżuri ta' rijorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ, fuq kawżi pendenti u fuq azzjonijiet individwali ta' eżekuzzjoni naxxenti minn kawżi."

4 L-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi li:

"Għall-fini ta' din *id-Direttiva*, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(8) 'Stat Membru tal-pajjiż' tfisser waħda jew l-oħra milli ġejjin:
   (a) għal assigurazzjoni mhux tal-ħajja, l-Istat Membru li fih ikun jinstab l-uffiċċju ewlieni tal-impriża tal-assigurazzjoni li tkopri riskju;
   (b) għall-assigurazzjoni tal-ħajja, l-Istat Membru li fih l-uffiċċju ewlieni tal-impriża tal-assigurazzjoni li tkopri l-impenn jinstab; jew
   (ċ) għar-riassigurazzjoni, l-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju ewlieni tal-impriża tar-riassigurazzjoni".

5 L-Artikolu 144 tal-imsemmija direttiva, intitolat "L-irtirar tal-awtorizzazzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-awtorità superviżorja tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha tista' tirtira awtorizzazzjoni mogħtija lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-impriża kkonċernata ma tagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, tirrinunzjaha espressament jew ma tibqax twettaq in-negozju għal iktar minn sitt xhur, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx għamel dispożizzjoni biex l-awtorizzazzjoni taqa' f'dawn il-każijiet;

(b) l-impriża kkonċernata ma tissodisfax iktar il-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni;

(ċ) l-impriża kkonċernata tonqos serjament fl-obbligi tagħha taħt ir-regolamenti li għalihom hija suġġetta.

L-awtorità superviżorja tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha għandu jirtira awtorizzazzjoni li tkun ingħatat lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni f'każ li l-impriża ma tikkonformax mal-Kapital Minimu Rekwiżit u l-awtorità superviżorja tikkunsidra li l-iskema finanzjarja sottomessa hija evidentement inadegwata jew, l-impriża kkonċernata tonqos milli tikkonforma mal-iskema approvata fi żmien tliet xhur mill-osservazzjoni tan-nuqqas ta' konformità mal-Kapital Minimu Rekwiżit.

2. Fil-każ tal-irtirar jew l-iskadenza ta' awtorizzazzjoni, l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandha tinnotifika lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri l-oħrajn kif xieraq, u dawn l-awtoritajiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jipprevjenu l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni milli tibda operazzjonijiet ġodda fit-territorji tagħhom.

L-awtorità superviżorja tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandha, flimkien ma' dawk l-awtoritajiet, tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tissalvagwardja l-interessi ta' persuni assigurati u, b'mod partikolari, għandha tirrestrinġi d-disponiment liberu tal-attivi tal-impriża tal-assigurazzjoni skont l-Artikolu 140.

3. Kwalunkwe deċiżjoni dwar l-irtirar ta' awtorizzazzjoni għandha tinkludi r-raġunijiet kollha u għandha tiġi kkomunikata lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni kkonċernata."

6 Taħt it-Titolu IV tal-istess direttiva, intitolat "Ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ tal-impriżi tal-assigurazzjoni", l-Artikolu 268, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"1. Għall-fini ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'awtorità kompetenti' tfisser awtorita' amministrattiva jew ġudizzjarja tal-Istati Membri li hi kompetenti għall-finijiet ta' miżuri ta' rijorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ;

[…]

(d) 'proċeduri ta' stralċ' tfisser il-proċeduri kollettivi li jinvolvu r-realizzazzjoni tal-attivi ta' impriża tal-assigurazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rikavat fost il-krediturі, azzjonisti jew membri kif xieraq, li neċessarjament jinvolvu intervent mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, inkluż fejn il-proċeduri kollettivi huma mitmuma b'kompożizzjoni jew miżura oħra analoga, kemm jekk huma bbażati fuq l-insolvibbiltà jew le jew huma volontarji jew obbligatorji;

[…]"

7 Skont l-Artikolu 273 tad-Direttiva 2009/138, intitolat "Bidu ta' proċeduri tal-istralċ –Tagħrif lill-awtoritajiet superviżorji":

"1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju biss għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu d-deċiżjoni fuq il-bidu tal-proċeduri tal-istralċ fir-rigward ta' impriża tal-assigurazzjoni, inkluż il-fergħat tagħha fl-Istati Membri l-oħra. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed fl-assenza, jew wara l-adozzjoni, ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni.

2. Deċiżjoni dwar il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni, inkluż il-fergħat tagħha fl-Istati Membri l-oħra, adottata skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħha għandha tkun rikonoxxuta mingħajr formalità ulterjuri [fl-Unjoni] kollha u għandha tkun effettiva hemmhekk hekk kif id-deċiżjoni tkun effettiva fl-Istat Membru fejn il-proċeduri huma miftuħa.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandhom jgħarrfu bħala kwistjoni ta' urġenza lill-awtoritajiet superviżorji ta' dak l-Istat Membru bid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċeduri tal-istralċ, fejn possibbli qabel il-proċeduri jibdew u fin-nuqqas minnufih wara.

L-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jinfurmaw bħala kwistjoni ta' urġenza l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri oħrajn bid-deċiżjoni li jinbdew proċeduri tal-istralċ inkluż l-effetti prattiċi possibbli ta' dawk il-miżuri."

8 L-Artikolu 274 ta' din id-direttiva, intitolat "Il-liġi applikabbli", jipprovdi:

"1. Id-deċiżjoni li jibdew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' impriża tal-assigurazzjoni, il-proċeduri tal-istralċ u l-effetti tagħhom għandhom ikunu rregolati bil-liġi applikabbli fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħha ħlief jekk mhux ipprovdut b'mod ieħor fl-Artikoli 285 sa 292.

2. Il-liġi tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-impriża għandha tiddetermina b'mod partikolari s-segwenti:

(a) l-attivi li jiffurmaw parti mill-patrimonju u t-trattament tal-attivi miksuba minn, jew li jiddevolvu fuq l-impriża tal-assigurazzjoni wara l-bidu tal-proċeduri tal-istralċ;

(b) il-poteri rispettivi tas-setgħat tal-impriża tal-assigurazzjoni u l-istralċarju;

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom it-tpaċija tista' tkun invokata;

(d) l-effetti tal-proċeduri tal-istralċ fuq kuntratti kurrenti li fihom l-impriża tal-assigurazzjoni hija parti;

(e) l-effetti tal-proċeduri tal-istralċ fuq proċeduri mibdija mill-kredituri individwali, bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti msemmija fl-Artikolu 292;

(f) il-klejms li huma preżentati kontra l-patrimonju tal-impriża tal-assigurazzjoni u t-trattament ta' klejms li joħorġu wara l-bidu tal-proċeduri tal-istralċ;

(g) ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tal-klejms;

(h) ir-regoli li jirregolaw it-tqassim tar-rikavat mir-realizzazzjoni tal-attivi, il-prijorità tal-klejms, u d-drittjiet tal-kredituri li kisbu sodisfazzjon parzjali wara l-bidu ta' proċeduri tal-istralċ bis-saħħa ta' dritt in rem jew permezz ta' tpaċija;

(i) il-kondizzjonijiet għall-proċeduri tal-istralċ u l-effetti tagħhom, partikolarment b'kompożizzjoni;

(j) id-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq tal-proċeduri tal-istralċ;

(k) il-parti li għandha tħallas l-ispejjeż magħmula fil-proċeduri għall-istralċ; u

(l) ir-regoli dwar in-nullità, l-annullabbiltà jew in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' atti legali ta' detriment lill-kredituri kollha."

9 Skont l-Artikolu 292 tal-istess direttiva:

"L-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazjoni jew proċeduri ta' stralċ fuq kawża pendenti dwar attiv jew dritt minn liema impriża tal-assigurazzjoni tkun ġiet żvestita għandhom ikunu rregolati biss bil-liġi tal-Istat Membru fejn il-kawża hija pendenti."

Id-dritt Bulgaru

10 Il-Kodeks za zastrahovaneto (il-Kodiċi tal-Assigurazzjonijiet) (iktar 'il quddiem il-"KZ") jipprovdi, fl-Artikolu 624 tiegħu:

"(1) Id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ jew ta' insolvenza ta' impriża tal-assigurazzjoni li tkun kisbet l-awtorizzazzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor għandu jkollha effetti fil-Bulgarija mid-data li fiha hija jkollha effett fl-Istat Membru l-ieħor.

(2) Jekk il-[il-Kummissjoni għall-Kontroll Finanzjarju] tiġi informata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor dwar il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ jew ta' insolvenza, hija għandha tieħu l-miżuri sabiex tinforma lill-pubbliku.

(3) L-informazzjoni fis-sens tal-paragrafu 2 għandha tinkludi informazzjoni dwar l-amministrazzjoni jew il-qorti kompetenti għall-istralċ jew għall-insolvenza fl-Istat Membru l-ieħor, dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli u dwar l-istralċjarju jew ir-riċevent maħtura."

11 L-Artikolu 630 tal-KZ huwa fformulat kif ġej:

"(1) Id-dritt Bulgaru huwa d-dritt applikabbli għall-proċedura ta' stralċ jew ta' insolvenza ta' assiguratur, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din it-taqsima.

(2) Għall-kuntratti ta' xogħol u għar-relazzjonijiet ta' xogħol għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li huma applikabbli għal dawn il-kuntratti u għal dawn ir-relazzjonijiet ta' xogħol.

(3) Għall-kuntratti li jagħtu dritt ta' użu jew li jittrasferixxu dritt ta' proprjetà fuq proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru għandha tapplika l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru.

(4) Għad-drittijiet tal-assiguratur fuq proprjetà immobbli, fuq bastiment jew fuq ajruplan, irreġistrati f'reġistru pubbliku fi Stat Membru, għandha tapplika l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru."

12 Skont l-Artikolu 43 tal-Kodeks na mezhdunarodnoto chastno pravo (il-Kodiċi dwar id-Dritt Internazzjonali Privat):

"(1) Il-qorti jew awtorità oħra li tapplika l-liġi għandha tistabbilixxi *ex officio* l-kontenut tad-dritt barrani. Hija tista' tirrikorri għall-mezzi previsti fit-trattati internazzjonali, tista' titlob informazzjoni mingħand il-Ministeru għall-Ġustizzja jew mingħand awtorità oħra, u tista' titlob pariri mingħand esperti u korpi speċjalizzati.

(2) Il-partijiet jistgħu jippreżentaw dokumenti li jistabbilixxu l-kontenut tad-dispożizzjonijiet tad-dritt barrani li fuqhom ikunu qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom jew l-oġġezzjonijiet tagħhom jew jistgħu jikkooperaw b'mod ieħor mal-qorti jew ma' awtorità oħra li tapplika l-liġi.

(3) Ladarba jkun intgħażel id-dritt applikabbli, il-qorti jew awtorità oħra li tapplika l-liġi tista' ġġiegħel lill-partijiet jikkontribwixxu għall-istabbiliment tal-kontenut tad-dritt applikabbli".

Id-dritt Ċiprijott

13 Skont l-Artikolu 220 tal-O peri Etairion Nomos (il-Liġi dwar il-Kumpanniji), meta tkun ingħatat deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ jew ta' insolvenza jew meta jkun inħatar stralċjarju provviżorju, huwa impossibbli li titressaq talba jew li tinfetaħ jew li titkompla proċedura, sakemm il-qorti kompetenti ma tawtorizzahiex, f'liema każ għandhom jiġu applikati l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din il-qorti.

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 Quddiem is-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija, il-Bulgarija), Bulstrad, kumpannija tal-assigurazzjoni rreġistrata fil-Bulgarija, titlob li Olympic, kumpannija tal-assigurazzjoni rreġistrata f'Ċipru, tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' BGN 7 603.63 (madwar EUR 3 887), flimkien mal-ispejjeż ta' likwidazzjoni fl-ammont ta' BGN 25.00 (madwar EUR 13), bħala kumpens tal-assigurazzjoni li hija ħallset, konformement ma' polza tal-assigurazzjoni ta' "ħsara – kolliżjoni" sottoskritta magħha minn CD, is-sewwieq ta' vettura li ġarrbet ħsara f'inċident tat-traffiku. Bulstrad

issostni li, fil-5 ta' Jannar 2018, fil-belt ta' Bansko (il-Bulgarija), AB, billi fetaħ f'daqqa l-bieba tax-xellug fuq quddiem tal-vettura privata tiegħu li kienet wieqfa fuq il-karreġġjata, għamel ħsara b'tort tiegħu lill-vettura ta' CD, li kienet qiegħda tinstaq fil-karreġġjata u li kienet għaddejja qrib tiegħu.

15 Skont Bulstrad, fid-data tal-inċident, ir-responsabbiltà ta' AB kienet koperta minn polza tal-assigurazzjoni għal "responsabbiltà ċivili", sottoskritta ma' Olympic.

16 Billi qieset li, wara l-ħlas tal-kumpens tal-assigurazzjoni lil CD, hija kienet ġiet issurrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha fil-konfront ta' AB u tal-kumpannija tal-assigurazzjoni ta' dan tal-aħħar, Bulstrad ressqet talba ta' rivalsa fir-rigward ta' Olympic, li din tal-aħħar irċeviet fis-6 ta' Lulju 2018, mingħajr madankollu ma tħallset lura l-ammonti hekk mitluba.

17 Fil-fatt, Olympic tikkontesta t-talba mressqa minn Bulstrad kemm fuq il-forma kif ukoll fuq il-mertu.

18 Matul il-proċedura, il-qorti tar-rinviju ġiet informata li l-awtoritajiet kompetenti Ċiprijotti kienu rtiraw l-awtorizzazzjoni ta' Olympic minħabba nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti prudenzjali kif ukoll li stralċjarju provviżorju, li jassumi u jikkontrolla d-drittijiet patrimonjali u legali kollha li għalihom din il-kumpannija tal-assigurazzjoni għandha dritt jew jidher li għandha dritt, kien inħatar għaliha.

19 Din il-qorti qieset li dawn l-atti tal-awtoritajiet Ċiprijotti kienu jikkostitwixxu "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 624 tal-KZ, u, b'digriet tas-26 ta' Settembru 2018, issospendiet il-proċedura fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-KZ li jittrasponu fid-dritt Bulgaru d-Direttiva 2009/138, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni, il-proċedura ta' stralċ fil-veru sens tal-kelma u l-effetti tagħhom għandhom jiġu rregolati mid-dritt applikabbli fl-Istat Membru ta' oriġini tal-impriża tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskju, f'dan il-każ, mid-dritt Ċiprijott. Dan tal-aħħar kien jipprevedi s-sospensjoni tal-proċeduri fir-rigward ta' kull impriża tal-assigurazzjoni li għaliha l-awtoritajiet kompetenti Ċiprijotti jkunu nnominaw stralċjarju provviżorju.

20 Madankollu, Bulstrad talbet it-tkomplija tal-proċedura fil-kawża prinċipali għar-raġuni li, fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Bulgarija), din il-proċedura kienet ġiet sospiża b'mod żbaljat. Skont din l-interpretazzjoni, iż-żewġ atti msemmija iktar 'il fuq tal-awtoritajiet Ċiprijotti ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni" mill-Istat Membru ta' oriġini, fis-sens tal-leġiżlazzjoni adottata għat-traspożizzjoni fid-dritt Bulgaru tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138. Fl-assenza ta' tali deċiżjoni, kien għalhekk b'mod żbaljat li l-qorti tar-rinviju kkonkludiet li kien applikabbli d-dritt Ċiprijott, għad-detriment tal-applikabbiltà tad-dritt Bulgaru, li ma jipprevedix dispożizzjonijiet analogi li jeżiġu sospensjoni tal-proċedura.

21 Bi tweġiba għat-talba għat-tkomplija tal-proċedura, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Kummissjoni Bulgara għall-Kontroll Finanzjarju sabiex tindikalha jekk kellhiex informazzjoni dwar il-ftuħ ta' proċedura ta' stralċ jew ta' insolvenza fil-konfront ta' Olympic quddiem il-qorti Ċiprijotta kompetenti kif ukoll, fil-każ li kienet infetħet tali proċedura, sabiex tispeċifika f'liema stadju kienet waslet u jekk kienx inħatar stralċjarju jew riċevent. Permezz ta' ittra tad-19 ta' Marzu 2019, din il-kummissjoni għall-kontroll finanzjarju wieġbet li, f'din id-data, hija ma kienet irċeviet l-ebda informazzjoni dwar il-ftuħ ta' proċedura ta' stralċ fil-konfront ta' Olympic mill-awtorità Ċiprijotta kompetenti.

22 Skont il-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 630 tal-KZ għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138, kif ukoll tal-premessi 117 sa 121 u 125 tagħha. Hija ssostni li minn dan jirriżulta li l-konsegwenzi tal-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza għandhom jiġu rregolati mid-dritt Ċiprijott.

23 Fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha skont l-Artikolu 43 tal-Kodiċi tad-Dritt Internazzjonali Privat, din il-qorti stabbilixxiet *ex officio* d-dritt Ċiprijott applikabbli u minn dan ikkonkludiet li l-iżvolġiment ta' proċeduri oħra kien suġġett għal awtorizzazzjoni mill-qorti kompetenti fil-qasam tal-insolvenza.

24 Għaldaqstant, l-imsemmija qorti tqis li hija għandha tissospendi l-proċedura fil-kawża prinċipali, tistieden lil Bulstrad tiddikjara l-krediti tagħha skont il-modalitajiet previsti mid-dritt Ċiprijott, filwaqt li tippreċiża li l-aċċettazzjoni eventwali tagħhom ser twassal għall-għeluq ta' din il-proċedura. Din tal-aħħar tkun tista' titkompla biss jekk il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-qasam tal-insolvenza tagħti tali awtorizzazzjoni jew jekk jiġu prodotti provi li l-krediti ma kinux ġew ammessi skont il-modalitajiet previsti mid-dritt Ċiprijott.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sofiyski rayonen sad (il-Qorti Distrettwali ta' Sofija) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 630 tal-[KZ], fid-dawl tal-Artikolu 274 tad-[Direttiva 2009/138], għandu jitqies li d-deċiżjoni ta' awtorità ta' Stat Membru li tirtira l-liċenzja ta' assiguratur u li taħtar stralċjarju provviżorju għal dan l-assiguratur, mingħajr ma tiftaħ proċedura ġudizzjarja ta' stralċ, tikkostitwixxi 'deċiżjoni li jibdew proċeduri ta' stralċ'?

(2) F'sitwazzjoni fejn id-dritt tal-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-assiguratur li l-liċenzja tiegħu tkun ġiet irtirata u li għalih ikun inħatar stralċjarju provviżorju jipprevedi li, fil-każ li jinħatar stralċjarju provviżorju għandhom jiġu sospiżi l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra din il-kumpannija, dawn ir-regoli għandhom jiġu applikati mill-qrati tal-Istati Membri jekk dan ma jkunx previst espliċitament fid-dritt nazzjonali tagħhom, u dan bis-saħħa tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

26 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-deċiżjoni, meħuda minn awtorità tal-Istat Membru ta' oriġini ta' impriża tal-assigurazzjoni, li tirtira l-awtorizzazzjoni ta' din tal-aħħar u li taħtar stralċjarju provviżorju għaliha, mingħajr ma tkun ġiet adottata formalment deċiżjoni ġudizzjarja li tiftaħ proċedura ta' stralċ, tikkostitwixxi "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni" fis-sens ta' dan l-artikolu.

27 Ir-risposta għal din id-domanda ser tippermetti li jiġi ddeterminat jekk id-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tibbenefikax mir-rikonoxximent reċiproku previst fl-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138.

28 Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda magħmula, għandu jiġi rrilevat li għalkemm, skont l-Artikolu 274 ta' din id-direttiva, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni, il-proċedura ta' stralċ fil-veru sens tal-kelma u l-effetti tagħhom huma rregolati mid-dritt applikabbli fl-Istat Membru ta' oriġini ta' din l-impriża tal-assigurazzjoni, il-kwistjoni dwar x'jikkostitwixxi tali deċiżjoni u tali proċedura għandha tiġi riżolta skont l-Artikolu 268 tal-imsemmija direttiva, li jiddefinixxi diversi kunċetti għall-finijiet tat-Titolu IV tal-istess direttiva.

29 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 268(1)(d) tad-Direttiva 2009/138 jipprevedi li l-kunċett ta' "proċedura ta' stralċ" jirreferi għal proċedura kollettiva li tinvolvi r-realizzazzjoni tal-attiv ta' impriża tal-assigurazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rikavat bejn il-kredituri, l-azzjonisti jew is-soċji, skont il-każ, u

li tinvolvi neċessarjament intervent mill-awtoritajiet kompetenti, jiġifieri, konformement mal-Artikolu 268(1)(a) ta' din id-direttiva, l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istati Membri kompetenti għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew għall-proċeduri ta' stralċ.

30 Minn dan isegwi li, sabiex deċiżjoni tiġi kklassifikata bħala "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138, il-proċedura kkonċernata għandha tissodisfa żewġ kundizzjonijiet.

31 Din il-proċedura, l-ewwel, għandu jkollha bħala għan ir-realizzazzjoni tal-attiv ta' impriża tal-assigurazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rikavat bejn, skont il-każ, il-krediturі, l-azzjonisti jew is-soċji tagħha, kif ukoll, it-tieni, għandha tinvolvi neċessarjament intervent mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istati Membri kompetenti sabiex jadottaw miżuri ta' riorganizzazzjoni jew sabiex imexxu proċeduri ta' stralċ.

32 Peress li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma kumulattivi, il-fatt li stralċjarju provviżorju ma jkunx awtorizzat jirrealizza l-attiv tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata jew li jħallas lill-krediturі ta' din tal-aħħar mid-dividendi jeskludi li d-deċiżjoni li jinħatar tali likwidatur tista' timplika l-ftuħ jew l-eżistenza ta' proċedura ta' stralċ, fis-sens tal-Artikolu 268(1)(d) ta' din id-direttiva.

33 F'dan il-każ, hija għaldaqstant il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fid-dawl tad-dritt Ċiprijott, l-istralċjarju provviżorju maħtur għandux jew le tali setgħat.

34 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li għalkemm, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-distinzjoni li d-Direttiva 2009/138 tistabbilixxi bejn deċiżjoni li tirtira l-awtorizzazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata u dik li tiftaħ proċedura ta' stralċ fir-rigward ta' din tal-aħħar tissuġġerixxi li t-tieni deċiżjoni ma hijiex l-istess bħall-ewwel waħda, deċiżjoni li tirtira awtorizzazzjoni tista' titqies li hija ekwivalenti għal deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ jekk iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 31 ta' din is-sentenza jkunu ssodisfatti.

35 Madankollu, l-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet tkun issodisfatta biss jekk, skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata, l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' din l-impriża tal-assigurazzjoni jkollu l-effett li tinfetaħ awtomatikament il-proċedura ta' stralċ li tippermetti r-realizzazzjoni tal-attiv tal-imsemmija impriża tal-assigurazzjoni jew li jitħallsu l-krediturі tagħha mid-dividendi, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni formali għal dan il-għan minn awtorità differenti.

36 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta għall-ewwel domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-awtorizzazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata u li taħtar likwidatur provviżorju tista' tikkostitwixxi "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens ta' dan l-artikolu, fil-każ biss li d-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini ta' din l-impriża tal-assigurazzjoni jipprevedi jew li dan l-istralċjarju provviżorju huwa awtorizzat jirrealizza l-assi tal-imsemmija impriża tal-assigurazzjoni u jiddistribwixxi r-rikavat bejn il-krediturі tagħha, jew li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istess impriża tal-assigurazzjoni għandu l-effett li tinfetaħ awtomatikament il-proċedura ta' stralċ, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni formali għal dan il-għan minn awtorità differenti.

Fuq it-tieni domanda

37 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini ta' impriża tal-assigurazzjoni, li jipprevedi li l-proċeduri ġudizzjarji kollha kontra din l-impriża

tal-assigurazzjoni għandhom jiġu sospiżi fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni tagħha u tal-ħatra ta' stralċjarju provviżorju għal din l-impriża, għandu jiġi applikat mill-qrati tal-Istati Membri l-oħra anki jekk il-leġiżlazzjoni ta' dawn tal-aħħar ma tipprevedix tali regola.

38 Mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda magħmula jirriżulta li huwa biss meta l-adozzjoni, mill-Istat Membru ta' oriġini ta' impriża tal-assigurazzjoni, ta' deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni u li jinħatar stralċjarju provviżorju tista' tiġi kklassifikata bħala "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens tat-Titolu IV tad-Direttiva 2009/138, li, skont l-Artikolu 273(2) ta' dan it-test, din id-deċiżjoni għandha tiġi rrikonoxxuta mingħajr ebda formalità oħra fl-Unjoni Ewropea kollha u tipproduċi l-effetti tagħha fl-Unjoni kollha mill-mument li tipproduċi dawn l-effetti fl-Istat Membru fejn tinfetaħ il-proċedura ta' stralċ.

39 Skont l-Artikolu 274(2)(e) tad-Direttiva 2009/138, dan ir-rikonoxximent reċiproku jestendi għall-effetti tal-ftuħ tal-proċedura ta' stralċ fuq il-proċeduri individwali mibdija mill-kredituri, bl-eċċezzjoni tal-kawżi pendenti msemmija fl-Artikolu 292, li jibqgħu rregolati esklużivament mid-dritt tal-Istat Membru fejn tkun pendenti l-kawża.

40 Minn dan isegwi li, meta deċiżjoni meħuda mill-Istat Membru ta' oriġini għandha tiġi kklassifikata bħala "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens tat-Titolu IV tad-Direttiva 2009/138, u meta l-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat tipprevedi li din id-deċiżjoni timplika s-sospensjoni tal-proċeduri ġudizzjarji kollha miftuħa fil-konfront tal-impriża kkonċernata, il-proċeduri ġudizzjarji pendenti fi Stati Membri oħra għandhom, għal din ir-raġuni, jiġu sospiżi wkoll, bl-esklużjoni ta' dawk li jaqgħu fil-kamp tal-eċċezzjoni msemmija fil-punt preċedenti.

41 Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 273(2) tad-Direttiva 2009/138 bl-ebda mod ma jeżiġi li jkun hemm rikonoxximent reċiproku tal-effetti ta' deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni jew li jinħatar stralċjarju provviżorju, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, meta din tal-aħħar ma jkollhiex in-natura ta' deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ. Minn dan isegwi li s-soluzzjoni għall-kwistjoni dwar jekk, f'din l-ipoteżi, il-qorti tar-rinviju għandhiex jew tistax madankollu tissospendi proċedura pendenti, konformement ma' dak li jipprevedi d-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini, mingħajr ma dan ikun previst mid-dritt nazzjonali tagħha, ma taqax taħt l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, u lanqas tal-Artikolu 274 ta' din id-direttiva.

42 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta għat-tieni domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138 għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni u li jinħatar stralċjarju provviżorju għal din l-impriża tkun tikkostitwixxi "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens ta' dan l-artikolu, ma jkunux issodisfatti, l-imsemmi artikolu ma jinkludix obbligu għall-qrati tal-Istati Membri l-oħra li japplikaw id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata, li jipprevedi s-sospensjoni ta' kull proċedura ġudizzjarja miftuħa fil-konfront ta' tali impriża.

Fuq l-ispejjeż

43 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II), kif emendata bid-Direttiva 2013/58/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira l-awtorizzazzjoni tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata u li taħtar likwidatur provviżorju tista' tikkostitwixxi "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens ta' dan l-artikolu, fil-każ biss li d-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini ta' din l-impriża tal-assigurazzjoni jipprevedi jew li dan l-istralċjarju provviżorju huwa awtorizzat jirrealizza l-assi tal-imsemmija impriża tal-assigurazzjoni u jiddistribwixxi r-rikavat bejn il-kredituri tagħha, jew li l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istess impriża tal-assigurazzjoni għandu l-effett li tinfetaħ awtomatikament il-proċedura ta' stralċ, mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni formali għal dan il-għan minn awtorità differenti.**

2) **L-Artikolu 274 tad-Direttiva 2009/138 għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex deċiżjoni li tiġi rtirata awtorizzazzjoni ta' impriża tal-assigurazzjoni u li jinħatar stralċjarju provviżorju għal din l-impriża tkun tikkostitwixxi "deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' stralċ ta' impriża tal-assigurazzjoni", fis-sens ta' dan l-artikolu, ma jkunux issodisfatti, l-imsemmi artikolu ma jinkludix obbligu għall-qrati tal-Istati Membri l-oħra li japplikaw id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini tal-impriża tal-assigurazzjoni kkonċernata, li jipprevedi s-sospensjoni ta' kull proċedura ġudizzjarja miftuħa fil-konfront ta' tali impriża.**

Firem